**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**-vs-**

**Ihor Cardaci detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 0238382A.**

*Kumpilazzjoni Nru. 478/2022*

Illum, 4 t'Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Ihor Cardaci** u ċioe talli:

Bejn il- lejl ta' l-24 u l-25 ta' Awwissu 2022 fi Triq Azzopardi, Birkirkara u jew f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Bil-ħsieb li jikkommetti serq ta' vettura ta' l-għamla Ford Focus bin-numru ta' reġistrazzjoni DPG-100 liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haġa misruqa, bil-ħin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37c) għad-detriment ta' Mario Antonio Caruana, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taha bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' vettura ta' l- għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni LCP137 ta' valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37c) għad-detriment ta' Allison Dunn liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haġa misruqa, bil-ħin u bil-valur;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37c) għad-detriment ta' Christopher Robert Dunn liema serq huwa aggravat, bil-ħin, bil-mezz u bil-valur;

4. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi haġa, u cioe' vettura bil-mutur ta' l-għamla Suzuki Swift bin- numru ta' reġistrazzjoni LCP137 għad- detriment ta' Allison Dunn

5. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi haġa, u cioe' Bus Shelter li jinsab fi triq Tony Camilleri, San Pawl il-Baħar għad- detriment tal- Malta Public Transport;

6. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq garaxx bin-numru 43, sitwat fi triq Azzopardi, Birkirkara għad- detriment ta' Allison Dunn u Christopher Robert Dunn

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur ta' l-għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni LCP137 b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata jew b'mod perikoluż.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Swift b'numru ta' reġistrazzjoni LCP137 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vetturi;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni LCP137 mingħajr ma kien kopert b'polza ta assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

10. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura ta' għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni LCP137 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

11. U aktar talli matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2022 kien qed jgħix hajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ fl-inħawi tal- lokalita` ta' Naxxar u/jew f'dawn il-gżejjer Maltin .

12. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kiser il- kundizzjoni ta' sentenza mgħotija lilhu nhar it-22 ta' Awwissu 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D liema sentenza hija dik ta' sittax (16) il-xahar priġunerija sospiżi għal tlett (3) snin a tenur tal- art 28 (A) tal Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.

13. U aktar talli fl-istess data, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 289, 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija u f'każ li tingħata ordni ta' sentenza sospiża, t'ordna direttiva li tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull haġa minnu misruqa jew akkwista bi qliegħ ieħor kontra l-liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun ġie misjub ħati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita, f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imsemmija persuna milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq u dan skond it-termini tal-art. 15 (4) tal-Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-14 ta' Settembru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fatt li l-imputat jirrikonoxxi l-iżball tiegħu li jisħaq sar biex imantni l-oħtu fl-Ukrajna u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ partikularment li wettaq ir-reati addebitati lilu jumejn biss wara li ngħata opportunita mill-Qorti permezz ta' sentenza sospiża. Madanakollu, kien x'kien dak li verament xprunah iwettaq dan l-għemil, jibqa' l-fatt li kien providenzjali li fuq il-*bus stop,* li spiċċa rmied b'konsegwenza tal-impatt bil-vettura misruqa, ma kienx hemm persuni jistennew jew li kienu fil-viċinanzi. Hu ovvju li l-imputat jinneċċessita` għajnuna iżda mhux a skapitu tal-komunità li tista' tisfa vittma tal-ispavalderija tiegħu.

Ġie ikkunsidrat li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-imputat waqaf minn rajh w għalhekk fiċ-ċirkostanzi, tenut kont li ma laħaq għamel l-ebda atti li jikkostitwixxu xi reat, ma hemm ebda piena li għandha tiġi inflitta għal din l-imputazzjoni. Inoltre is-sitt imputazzjoni serviet ta mezz ai fini għat-tielet imputazzjoni.

Għalkemm l-imputat rreġistra ammissjoni inkondizjonata, hu ċar li ma jistax jinsab reċidiv hekk kif addebitat lilu tenut kont li s-sentenza sospiża lilu mogħtija jumejn qabel ma tistax titqies li ġiet skontata.

Ġiet preżentata sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar it-22 t'Awissu, 2022, li fih l-imputat nstab ħati w ġie kundannat għal sittax (16) il-xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin. Tenut kont li l-imputat qed jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha, għajr għal addebitu tar-reċidiva kif ingħad, isegwi li dan wettaq reati fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża, liema sentenza ser tiddaħħal fis-seħħ minn din il-Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(b), 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 325(1)(c), 328(d) u 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikoli 15(1)(a), 15A, 15H(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 3(1)(2) tal- Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva, isibu ħati tal-kumplament u tikkundannah għal **għoxrin (20) xahar priġunerija**.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta, qed tordna illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat nhar it-22 t'Awissu 2022, ta' **sittax (16) il-xahar** priġunerija sospiża għal tlett (3) snin, tiġi fis-seħħ stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab ħati twettqu jumejn wara w għalhekk fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

B'hekk l-imputat għandu jiskonta l-perjodu komplessiv ta' **tlett (3) snin priġunerija.**

Ai termini tal-artikoli 15(2), 15H(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-artikolu 3(2A) tal- Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien **tlett snin** mil-lum.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas €1,820.68 rappreżentanti spejjez peritali.

Ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trattament għal żmien <u>sena</u>, li jista' jiġi mġedded skond il-każ, sabiex jegħleb il-vizzju tax-xorb.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk ma jsegwix l-istruzzjonijiet li ser jingħatawlu mill-Uffiċjal tal-Probation rigward l-ordni ta' trattament.

Tordna <u>notifika</u> ta' din is-sentenza lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni w lid-Dipartiment tal-Probation u Parole.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2)(a)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputat kemm il-darba ikun skonta s-sentenza fuqu imposta.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**